# Il-Ħadd 09.11.2014

1. Illum, il-Ħadd 9/11:-
   - Fl-4:00pm ikollna quddiesa fiċ-ċimiterju li fiha jsir it-tberik tal-oqbra.
   - Fis-6:00pm, fil-Knisja parrokkjali ta' Kristu Re - Raħal Ġdid, ser issir ċelebrazzjoni mmexxija minn Monsinjur Isqof Charles J. Scicluna, Amministratur Appostoliku, li matulha ser jiġu ordnati 5 djakni, 1 minnhom patri. Nifirħulhom u nitolbu għalihom.

2. L-Erbgħa 12/11:-
   - Mill-5:15pm sas-6:00pm qed jiltaqa' l-Kor tat-tfal 'Kreattiv' ħalli jagħtu sehemhom fl-attivitajiet tal-Milied. Jistgħu jattendu tfal minn Yr 3 'l fuq, anke dawk li jmorru skejjel privati. Nieħdu gost b'membri ġodda. Dawk interessati huma mitluba jiġu hawn il-knisja. Jekk xi ħadd ma jistax jattendi imma jixtieq jieħu sehem, jagħti ismu lis-surmast Tony Pace jew lill-Kappillan.

3. Il-Ġimgħa 14/11:-
   - Fis-7:15pm ser ikollna l-Assemblea Parrokkjali,
     iġifieri laqgħa dwar il-Parroċċa tagħna u l-ħidma li nagħmlu.
     Din issir hawn fil-Knisja stess. ***Ejjew sabiex tagħtu l-kontribut tagħkom.***

4. Il-Ħadd 16/11:-
   - Il-ġabra fil-quddies tmur għall-Fond tal-Iskejjel tal-Knisja.

5. Infakkarkom illi l-Avviżi tal-parroċċa flimkien mal-Fuljett 'Flimkien' u informazzjoni oħra qed ikunu wkoll fuq il-websajt tal-parroċċa: http://parroccasafi.wordpress.com/ ħalli niffaċilitaw aktar il-komunikazzjoni. Tajjeb li nieħdu interess u nagħmlu użu tajjeb minn dan is-servizz.

6. Avviż mill-Kunsill Lokali:-
   - Illum s-Sibt 8/11 qed tkun organizzata Festa Agrikoltura, b'diversi attivitajiet jibdew mis-7:00pm.
   - Is-Sibt 22/11 ser tkun organizzata Treasure Hunt biex it-tfal jitgħallmu iżjed fuq il-wirt storiku tar-raħal tagħna u fl-istess ħin jieħdu pjaċir jilgħabu. Tibda mill-Pjazza fl-10:00am. Aktar dettalji u booking mingħand il-Kunsill stess sas-Sibt 15/11.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 305 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-manutenzjoni tal-knisja;
   - € 265 minn ħarġa li kellna din il-ġimgħa;
   - € 80 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl. Grazzi.

8. Nitolbu għal Vinċenza Zammit u Pauline Zammit li għaddew għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa. Agħtihom o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...